MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 145/2013

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fl-ghaxra (10) ta’ Gunju tas-sena elf disa` mija u disgha u tmenin (1989);

Illi r-rikorrenti sseparat legalment minn ma’ zewgha l-intimat C D u dana in virtu ta’ kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Edward Flores datat 28 ta’ Lulju 2010, kopja hawn tant annessa bhala Dok. A, izda ilhom de facto separati u jghixu f’residenzi separati minn xulxin sa mis-sena 2005, ossia ghal perjodu ta’ aktar minn erba` (4) snin;

Illi miz-zwieg bejn il-partijiet twieldu erbat itfal, tnejn minnhom ossia X u V huma llum maggorenni filwaqt illi t-tnejn l-ohra, Jonathan u Rachel ghadhom minuri, biss meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, dawn qablu illi r-ragel m'ghandu jhallas l-ebda manteniment ghat-tfal minuri u li l-manteniment kif ukoll l-ispejjez kollha tas-sahha u l-edukazzjoni tat-tfal ikunu a karigu tar-rikorrenti u dana ai termini ta' l-ewwel paragrafu taht l-intestatura *"Manteniment tal-Minuri"* fit-tielet pagna tal-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi in oltre skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni ai termini tat-tieni paragrafu taht l-intestatura *"Disposizzjonijiet Generali"* fl-ewwel pagna tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jippercepixxu il-manteniment minghand xulxin;

Illi ma jezisti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u f'dan is-sens jigi rilevat ukoll illi r-rikorrenti ghandha l-hajja privata taghha totalment separata minn ta' l-intimat illum il-gurnata.

Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha sabiex jigi akkordat d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet A B u C D b'divorzju u dana ai termini ta' l-Artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament tieghu, illi permezz taghha eccepixxa illi :

Ghalkemm huwa moralment ma jaqbilx mad-divorzju, huwa jaqbel mal-fatti kollha kif esposti mir-rikorrenti martu u ghalhekk ma hux joggezzjona ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg b'divorzju *ai termini* tal-Artikolu 66A tal-Ligijiet ta' Malta.

L-intimat jitlob umilment li huwa ma jehilx l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u li dawn ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrenti martu.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-mit-28 ta' Lulju, 2010, izda ilhom de facto separati u jghixu f'residenzi separati sa mis-sena 2005;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------